MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2014

Numru. 916/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**Vs**

**Sean Mifsud**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta tal-Hamis 25 ta' Settembru, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Sean Mifsud ta' 21 sena, iben Emanuel u Georgina nee' Scicluna imwieled il-Pieta' nhar il-14 ta' Novembru 1992, residenti 9, St Joseph, Flat 1, Misrah tal-Madonna Medjatrici, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 535892(M) talli nhar is-17 ta' Settembru 2014 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkommetta serq ta' oggetti ta' ammont li jeccedi il-valur ta' €232.94 liema serq huwa aggravat bil-persuna, bil-valur u bil-hin ghad-detriment ta' Victoria Pace Peresso detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 430185(M) u jew ta' persuni jew kumpaniji ohra u dan bi ksur ta' l-artikoli 261(c)(d)(f), 267, 268(d), 270, 279(a), 280(1) ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet sabiex f'kaz ta' htija l-imsemmi Sean Mifsud ihallas lill-parti offiza dak l-ammont ta' flus li jista' jigi stabilit mill-Qorti f'dik id-direttiva bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew hsara kagunati permezz tar-reat.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza tallum minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ghalhekk din hija sodisfacentement ippruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li taghha qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-fatt li kkollabora bis-shih mal-pulizija, il-fedina penali tieghu hija wahda netta u li hallas lill-parte leza d-danni sofferti. Infatti diga' sar ftehim bejn l-imputat u l-parte leza u gie dikjarat li l-parte leza m'ghandha l-ebda pretensjoni ulterjuri fil-konfront tal-imputat.

Ma jirrizultax li f'dan il-kaz kien hemm involuti hatra ta' esperti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c)(d)(f), 267, 268(d), 270, 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta′ liberazzjoni kondizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------